*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 51**

**It-Tnejn 26 ta' Ġunju 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Charlot Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**51.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud huwa assenti b'apoloġija.

**51.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 50 li saret Nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju 2023:</u>***

**51.2.1** ***<u>Korrezzjoni tal-Minuti:</u>***

**51.2.1.1** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi paġna 2 artiklu 50.2.2.1 qal illi trid tinbidel u issir:

*"Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 49.2.2.2 fejn qal illi l-istruttura li kellha tinbena wara il-Kunsill minħabba l-mechanical sweeper issa mhux ser issir hemm imma ser titpoġġa fejn fil-preżent hemm il-kontejner tal-Bava u mhux ser tiġi applikata d-DNO għaliex din l-istruttura ser issir fuq ir-roti u anke ser jkun hemm provista tad-dawl u l-ilma u dan wara li kien iltaqa ukoll mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri rigward dan."*

**51.2.1.2** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 7 artiklu 50.3.6 pagna 12 u 16 il-kelma konok tinbidel u ssir pilastri.

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Maryrose Mifsud ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**51.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 50 li saret Nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju 2023.</u>***

**51.2.2.1** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 50.2.1.2 qal illi dan l-aħħar kellu laqgħa mas-Sur Ivan Falzon ta' infrastructure Malta fejn infurmah illi ikun aħjar li x-xogħolijiet fi Triq La Sengle ma jsirux fl-aħħar ta' Lulju u dan biex ma taħbatx mal-festa titulari tar-raħal.

**51.2.2.2** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 50.2.2.2 qal illi hu kellu laqgħa mas-Silver team fuq il-van li għandu l-Kunsill tajjeb li jgħid li ma ikkomettejniex ruħna magħhom pero saret diskussjoni fejn infurmawna illi Marsaskala qiegħed imdaħal mal lokalitajiet ta` Birzebbugia, Għaxaq, Zejtun u Marsaxlokk u li huma proponew huwa illi l prijioritajiet huma li r residenti ta' matul il-jum. Huma ser jieħdu t-telefonati u l-appuntamenti ~~huma~~ jekk dejjem naqblu pero dan ser ikun jgħamel anke parti mid-distrett igifiri l-van jistgħa jintuza fil lokalitajiet tad-distrett. Hu qal illi s silver team ser jiehdu hsieb il-van huma u anke jaf ikun il-kaz li jħallsu anke l-insurance.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi is silver team hija entita' tal-Gvern u din ser tieħu ħsieb anke jekk irridu jmorru barra mill-lokal u dan hu servizz offrut b'xejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu tal-opinjoni li nipprovawa għal sena u naraw kif imorru għaliex wisq jibza li hemm ċans li nitilfu il-van.

Il-Viċi Sindksu s-Sinjorina Jance Falzon qalet illi hi taqbel li nipprovaw għal sena.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Maryrose Mifsud qalet illi kieku tajjeb li jwasslu l-anzjani raħal ġdid speċjalment ħabba il-klinika.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma jaħsibx li dan hu possibli la darba qed jinfurmawna liema huma l-lokalitajiet fid-distrett.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal nistgħu ngħaddulhom suġġeriment.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi jgħamel aktar sens li jmur fiċ-ċentru bħal raħal ġdid milli ezempju jmur Ħal Għaxaq.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal il-Kunsill għadu ma ħax l-aħħar 15% tal-finanzi għaliex għadna ma ddeċidejniex kif ser naħdmu iġifiri la darba l-Kunsill jiffirma kuntratt mas-silver team u jkun kollox kif suppost il-Kunsill ikun jistgħa jiġbor il-finanzi kollha għalhekk tajjeb li nitkellmu anke mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali qabel ma niffirmaw dan il-kuntratt.

**51.2.2.3** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 50.2.2.3 fejn qal illi ltaqa mal-Perit fuq il-moll ta' San Ġorġ kif ukoll mall-Għaqda Baħħara u sajjieda u tkellmu fuq ir-railings li ser isiru minħabba li l-moll ġie ftit għoli u ser isiru ukoll strutturi tal-concrete kemm biex nevitaw li karozza ma taqax il-baħar u anke bħala post li tistgħa tpoġġi fuqu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi min ħdejn l-ispliway il-ġewwa m'għandhomx għalfejn jidħlu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser isiru bollards.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellu anke jsir taraġ.

**51.2.2.4** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq 2 artiklu 50.2.2.4 qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud marru ħdejn il-katakombi fejn kien hemm l-espert is-Sur Kevin Gerada fejn irrizulta illi mhux daqshekk faċli li l-katakombi tinfetaħ biex ikun espost għan-nies pero jista jsir filmat u nistgħu nitfawh fuq is-*social media*.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi nistgħu ngħamlu passaġġ virtwali li jkun 3D.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hija impossibli li l-katakombi jkunu aċċessibli għal pubbliku free for all u għalkemm hu jaqbel mal filmat li għandu jsir hu jemmen li huma katakombi ta certu valur u għandhom ikunu mnaddfa u jkunu aċċessibli imqar darba fix-xahar.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi trid titwessa l-bokka għaliex min fejn qed inaddfu mhuwiex il-post minfejn tistgħa tinzel.

Kien hemm qbil li nissuġerixxu li l-katakombi jkunu mnaddfa u jsiru l-arranġamenti sabiex il-passaġġ ikun aċċessibli sabiex jinfetħu darba fix-xahar għal pubbliku.

**51.2.2.5** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq ariklu 50.2.2.10 qal illi mill-korrispoondenza li kellu mas-Servizzi Ewropej Malta sibna proġett sabiex inkunu nsitgħu nġibu il-fondi għal AGM li ser issir ġewwa Malta hu qal illi hu mar zewġ laqgħat sa issa. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu t-tema li jixtieq jaħdem fuqa fl-AGM hija Vjolenza Domestika u jixtieq li jsiru talks min Maġistrati, Avukati u anke Pulizija. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-assistent prinċipal is-Sinjura Rebecca Micallef ser tkun qed taħdem fuq din l-AGM.

**51.2.2.6** Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 artiklu 50.3.4 fejn qal illi kellhom il-laqgħa mall-Polynesian Community fejn anke is-Sur John B Camilleri mar jiċċekja u jħoss li fejn iridu li jsir dan il-monument ma hemmx bizzejjed dawl. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill fi zmien il-covid kien qed jipprepara xi dwal sabiex isir xi momument Zonqor u konna infaqna ħafna flus u għalhekk iħoss illi la darba dan id-dawl ma ntuzax jiġi utilizzat sabiex isir għal dan il-monument dejjem anke jekk dawn l-individwi jaqblu.

Kien hemm qbil.

**51.2.2.7** Is-Sindku s Sur Mario Calleja tkellem fuq 50.3.14 qal illi llum flimkien mas-Sur Charlot Mifsud kellhom laqgħa mas-Segretarjat tal-Kunsilli lokali ħin l-Onor Alison Zerafa Civelli u CEO ta' Project Green is-Sur Stephen Ellul. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li ġara kien li meta kienu qed jitkellmu fuq prezz għad designation area u non desegnation area kienet ta €5 u €10 għal kull ġurnata, irrizulta li s-sit offrut lill-Marsaskala bħala designated area kien jaqa fil-konfin tax-Xgħajra Zabbar allura ħassejna li ma kienx fair għall-Kunsill tax-Xgħajra li nitħallsu ahna u l-Karavans jitpoġġew għandhom. Fil-fatt fil-prezenza tas-Sindku tax-Xgħajar sar qbil li l-ħlas isir ġewwa x-Xgħajra wkoll.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu sema illi meta jkollok is-servizzi tħallas €10 u jekk ma jkollokx tħallas €5.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi huma tawna zewġ siti pero dawn huma ġewwa ix- Xgħajra li ma hemmx aċċess għalihom min Marsaskala. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi bħala Private Camping site tista issir privata u l-Kunsill ma jkollux x'jaqsam pero hu jħoss illi aħna m'għaniex art pubblika x'nistgħu nagħtu u kienet din ir-risposta li hu ta waqt il-laqgħa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi camper u caravan huma meqjusa l-istess. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk individwu għandu camper u ser ihallih sa 100 metru il-bogħod mid-dar dan jistgħa jħallih hemm.

**51.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 50 artiklu 50.2.2.14 fejn u qal illi l-Perit Katrina għadha ma kellmitux.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech infurmah illi l-Perit Katrina m'għadiex qed tieħu sieb dan il-proġett u inħareġ tender ġdid għal Perit ġdid tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk għaniex nistennew għal Perit il-ġdid.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah illi jista jkun li jinbidel il-Perit għalhekk tajjeb li nistennew min ser ikun il-Perit ġdid.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-18:51.***

**51.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 50.2.2.15 jekk il-Kunsill bgħatx email lil Planning Authority rigward il-lista ta' ħwienet u x'permessi ta' mwejjed u siġġijiet għandu kull wieħed u waħda minnhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qabel meta xi ħadd japplika għal imwejjed u siġġijiet il-Kunsill kien ikun infurmat pero dan ma għadux isir, l-enforcement trid issir min naħa tal-PA pero meta hu staqsa lid-Direttur tal-Gvern Lokali kien qisu sema din il-ħaġa għal-ewwel darba.

Dr Errol Cutajar qal illi l-unika raġuni għaliex il-Kunsill irid din l-informazzjoni hi biex la darba l-Kunsill ikollu ilment fuq xi mwejjed u siġġijiet il-Kunsill ma jistgħax jiċċekja jekk dan il-persuna huwiex jabbuza mill permess li għandu. Dr Errol Cutajar qal illi l kunsill huwa l-messaġier tan nies u n nies jaħsbu li l-Kunsill għandu ċertu tip ta informazzjoni pero dan mhuwiex minnu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi n-nies ma tistgħax tinjorhom u kull dabra li jkollna ilment irridu ngħaddu dan l-ilment lil entita' li tieħu ħsiebu la darba l-Kunsill m'għandux fidu ċertu informazzjoni.

**51.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 8 artiklu 50.3.6 rigward is-swimming zone illi daħlet il-ġewwa ħafna hu qal illi mar il-ġimgħa l-oħra u għadu ma tmexxewx.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb niktbu TM Maritime section biex infakkruhom biex jittranġaw.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi kienet kellmithom diġa u infurmawha illi dawn l-iswimming zones tpoġġew fej tpoġġew għaliex jekk toħroġ il-barra hemm ir registered mournings.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal illi l-post fejn jgħumu n-nies ser joħduwulhom ukoll u kompla jgħid illi jekk għandek registered mourning jgħodd biss għal sena.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi għas-sajjieda jgħodd għal ħafna aktar min sena.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu speed boats biss ra.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-iswimming zones saru erba snin ilu l-ewwel darba u dejjem kienu fl-istess post pero jidru aktar il-ġewwa minħabba elementi naturali li bidlu id-dehra fuq il-bajja.

Kien hemm qbil li nitkellmu mall-Perit Janice Borg sabiex tigwidana hi lil min l-aħjar li nkellmu.

**51.2.2.11** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 11 artiklu 50.3.17 rigward ic-circulation bus.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mixjin fuqha.

**51.2.2.12** Il-Kunsillier is Sur John 50.7.3 paġna 15 fejn kien hemm xi diskussjini fuq zebra crossing fi Triq il-Qaliet.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ser jgħamel follow up fuqha.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għandu laqgħa mas-Sur Jonathan Borg fejn ser issir diskussjoni fuqTriq il-Qaliet u stieden il-Kunsilliera biex jattendu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fi Triq il-Qaliet hemm bzonn imqar zewġ road humps.

**51.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**51.3.1** ***<u>Talba bandiera tal-festa bix-xbieha ta' Sant Anna (35/2668/23/I) (35/2676/23/O):</u>***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Għaqda Grupp armar bgħatu korrispondenza fejn qed jinfurmaw lill Kunsill illi ser jgħamlu bandiera ġdida ta` Sant Anna peress li issa tawlu l-arblu tal-pjazza u staqsew l-Kunsill huwiex interessat jixtri il-bandiera li kienu juzaw huma għas-somma ta` €180 sabiex ikun jistgħa jutilizza fuq arblu li hemm fil-ġnien fil-ġranet tal-festa.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi tajjeb li jekk ser nixtruha nutlizzawha.

Kien hemm qbil unanimu favur li nixtru l-bandiera.

**51.3.2** ***<u>Talba għal għajnuna stimi nar tal-baħar Iljieli Skalin 2023 (35/2651/23/I):</u>***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Għaqda armar qed jitolbu biex il-Kunsill b'kollaborazzjoni magħhom jerġgħa jieħu ħsieb li jħallas parti l-ispiza tan-nar waqt il-festa. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi min naħa tal-NAO l-Kunsill kellu jirrispondi ħafna mistoqsijiet fosthom fejn jidħlu affarijiet mall-Għaqda tal-armar u hu għadu ma jafx l-ezitu tar-rizultat min naħa tal-NAO. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tajjeb li niċċaraw li dan in-nar huwa għal festa tal-Lokal u mhux għal Iljieli Skalin u għalhekk din id-darba ġbarna xi kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi huwa ċert li l-poster irid ikun hemm l-arma tal-Kunsill lokali fi prominenza.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bħala stimi għandna tlett offerti u l-orħos waħda hija dik tal-Grupp Nar Paroċċa Sant Anna.

Kien hemm qbil unanimu li tintgħazel l-orħos offerta mill-Parroċċa Sant'Anna.

**51.3.3** ***Leġislazzjoni dwar caravans (35/2607/23/I):***

Dan is-suġġett kien diskuss diġa.

**51.3.4** ***Estimate for the works to be carried out at Ġnien San Tumas :***

Is-Sindku s Sur Mario Calleja qal illi gejna mogħtija the beach of quality pero hu ma ħax pjaċir għaliex kien hemm bzonn li jsir embellishment lill Ġnien San Tumas qabel issir din iċ-ċerimonja. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li b`arranġament mal-MTA intagħazel ġardinar li ser jaqta is-siġar kollha min ġnien San Tumas sa zion u l-Ġnien kollu u dan ser jitħallas mill MTA. Ftehim ieħor sar biex jinbarxu u jinzebħu ċ-ċnut kollha

tad-dawra tal-ġnien u saqsew jekk għandniex kuntrattur tagħna li jistgħa jagħmilha hu u din l-ispiza telat għal €26,000 inkluz il-VAT. Dan jitħallas mill-Kunsill u wara l-MTA ituna rimbors ta' dawn l-ispejjez.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-problema hi li t-tender ta' dan il-Kuntrattur għalaq u l-ġdid qed jiġi aġġudikat allura l-mistoqsija hi jekk hux ser nibqgħu għaddejien bil-kuntrattur l-antik jew nistennew sakemm jiġi aġġudikat it-tender.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet illi tajjeb li s-Segretarju Ezekuttiv jitkellem mad-Dipartiment tal-Kuntratti u jinfurmah fuq li qed jiġri għaliex il-Kunsill ma jistgġax jistenna sakemm jiġi aġġudikat tender ġdid inkella iz-zmien ser jilħaq jgħaddi u jispiċċa ma jsir xejn u dan għandu jibqa jitħallas skond il-kuntratt li kellu la darba l-ġdid għadu mhux aġġudikat.

**51.3.5** **Talba għal sellun f'Bajja San Tumas:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem mall-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon sabiex imorru fuq il-post u jsibu post għal dan is-sellun.

Il-Viċi Sindku qalet illi hi taqbel mas-sellun pero hemmhekk huwa non swim zone.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi lanqas ifisser li għax hemm sellun ifisser li dik hija swim zone.

Kien hemm qbil li dan is-sellun jitwaħħal.

**51.3.6** **Arti fil-beraħ:**

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja qal illi din il-ġimgħa grazzi għall-Artist Rudy Behlar u għal Kunsillier is-Sur John B Camilleri illi għen ħafna fid-dwal saret l-arti fil-beraħ u ħarġet tajba ħafna. Attenda wkoll il-Kunsillier Charlot Mifsud.

**51.3.7** **Proġett Erasmus:**

Is-Sinjura Carolina u s-Sinjura Alana ~~li~~ ġew mill Ġermanja, fejn flimkien mal-Kunsillier Charlot Mifsud u l-Prinċipal tal-Kulleġ is-Sur Ġorġ Psaila laqqajnihom maz-zewġ kapijiet tal-iskola. Huma ser jiġu fostna bi 12-il student f`Ottubru li fejn ser jitqassmu fl-iskejjel Primarji tagħna.

**51.3.8** **Laqgħa mal-Federazzjoni Maltija tal-produtturi tal-ħut:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa flimkien mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri mall-federazzjoni Maltija tal-produtturi tal-ħut fejn l-iskop tagħhom kien li ma jkunx hemm tniġġiz fil-baħar bħal ma jsir kull sena fis-sajf.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kien hemm kuntrattur li ma kienx jikkontrolla u ma kienx regolarizzat sabiex ma jsirx xi spill u issa infurmawhom li dan il-kuntrattur issa qiegħed regolarizzat bħal l-oħrajn, barra min hekk hemm persuna li jkun qed idur u jnaddaf jekk ikun hemm xi spill u hemm kumpanija għan north u oħra għas-south u għalhekk din is-sena dan ser ikun imħares meta jkun għadu ma daħalx il-ġewwa.

Is-Sindku s-Sur Maro Calleja qal ukoll li l-Kunsill għandu stedina sabiex joħorġu fuq id-dgħajsa u juruna l-proċess kif isir meta jitimaw it-tonn u jistgħu anke jinzlu magħhom.

51.3.9 **<u>Persuna mill-Iskola San Ġwakkin b'esebizzjoni għal Jum Marsaskala:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja informa lill Kunsill illi kellu laqgħa mas-Sur Chris Debono fejn dan jaħdem fl-iskola San Ġwakkin u dan jixtieq jagħmel esebizzjoni ta` arti kollettiv fis-sala tal-binja tal-Kunsill u s-Sindku ħareġ bl-ideja li jgħamila fl-1 ta' Settembru ma' Jum Marsaskala.

51.3.10 ***<u>Laqgħa plenarja:</u>***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsilliera is-Sur Charlot Mifsud u s-Sinjura Mary Rose Mifsud attendew għal laqgħa plenarja u kienet laqgħa tajba ħafna.

51.3.11 **<u>Talent show f'Marsaskala:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mas-Sinjura Tiffany Abela li hija l-Cultural Manager tar-Reġjun Nofsinhar u din is-sena għandhom is-sena tal-Kultura u għalhekk qed jagħmlu attivita f'kull Lokalita. Zied jgħid li hu mistieden u attenda għal show jismu ''Going through the ages'' li kien kollu talent skaliz ta' madwar 110 parteċipanti mill-Akkademja ta` Mandy Pellicano Marsaskala u kif rah hu xtaq li jsir wieħed f'Marsaskala u b`hekk ippropona li dan ser isir fis-26 t'Awwissu 2023 fuq is-simenta. Kompla jgħid illi diġa kien hemm xi laqgħat dwar dan l-avveniment.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan ser namalgamawh mad-diversita u tajjeb liu l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jinvolvi ruħu f`din l-attivita' għaliex hu intiz fuq dan is-suġġett.

51.3.12 **<u>Laqgħa mal-Enemalta:</u>**

Flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kelna laqgħa produttiva ħafna mas-CEO ġdid s-Sur Jonaton Cardona u tkellem anke mal-enġineer fejn iddiskuta magġhom fuq il-postijiet li qatt ma sar dawl, tkellem magħhom anke fuq fejn hawn dawl baxx u qed nidentifikaw dawn is-siti u jipprovaw isaħħu d-dawl. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ġew diskussi madwar 15-il suġġett magħhom fejn hemm minnhom li qed jaħdmu fuqhom diġa.

51.3.13 **<u>Weightlifting show:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser isir show tal-weight lifting fuq is-simenta il-Ġimgħa 1ta' Settembru 2023 amalgamat ma Jum Marsaskala.

51.3.14 **<u>Laqgħa mas-Sinjura Calvin:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tkellmet miegħu S-Sinjura Graziella Calvin u ħarġet b'ideja sabiħa immens fejn qalet illi għandha proġett fejn persuna li tkun irtirata u jkollha ċans tieħu ħsieb ċertu affarijiet għal lokalita' ez xi ħadd ikun jixtieq jizra xi herbs f'xi area.

51.4 ***Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma Kien hemm l-ebda mistoqsija

51.5 ***Rapporti:***

51.5.1 ***Reply to management letter for the financial year ending 31 December 2022:***

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsill ir-risposta li ser jibgħat il-Kunsill.

51.6 ***Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kien hemm l-ebda item.

51.7 ***Korrispondenza:***

51.7.1 ***Bake sale fundraising (35/2514/23/I):***

Kien hemm qbil unanimu illi tingħata no objection.

51.7.2 ***Bye Laws dwar l-istazzjonar ta' caravans (35/2434/23/O):***

Dan is-suġġett ġie diskuss diġa.

51.7.2 ***Diskussjoni fuq ħaddiem ieħor għal knis fix-xhur tas-sajf (35/2438/23/O):***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal bħal ma diġa iddiskutew f'diversi laqgħa tal-Kunsill fejn l-erbgħa ħaddiema li għandna mhumiex ilaħħqu max-xogħol kollu li hawn speċjalment fix-xhur tas-Sajf, il-Kuntrattur lest li jzied ħaddiem ieħor pero dan bi ħlas.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ilu ħafna jistaqsi għal programm tal-knis fit-toroq għaliex qabel konna nafu kull ġurnata fejn qed jinkines, hu qal illi bħalissa qed isir reactive sweeping u mhux permess ta' skeda. Hu qal illi inutli s-Sindku jurih fejn naddaf hu jrid jara it-toroq tal-iskeda hux qed jitnaddfu skond il-ġranet.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal il-kuntrattur għandu diversi default notices u ma jafx kif jistgħa jdaħħal ħaddiem ieħor meta dawk li hemm mhumiex jaderixxu mall-iskeda. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi permess tal-Assistent Prinċipal is-Sinjorina Lucille Bonnici anke saret skeda ġdida biex lilhom ngħinhom pero lanqas ma dik mhumiex jimxu.

Dr Errol Cutajar staqsa meta tkun koperta Marsaskala kollha skond l-iskeda.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi diffiċli ħafna tgħid.

- ***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ħareġ mill laqgħa fit-8:30pm***

51.7.4 ***Management agreement rigward is-servizz lil anzjani bil-van tal-Kunsill (35/2291/23/I):***

Dan is-suġġett kien diskuss diġa.

51.7.8 ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:***

51.7.8.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud staqsiet fuq pagament nru 5072.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech infurma illi dak hu l-pagament tal-art tal-Kunsill minħabba li kien hemm xi snin li ma ħallasnix din il-kirja għal erba snin dan għaliex il-Lands Authority ma kienux qed jibgħatulna l-invoices.

51.7.8.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament nru 5063.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dak hu l-pagament tal-vet li qed jagħmel neutering.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-Kunsill jaf min qed jieħu dawn il-vawċers biex jutilizzawhom għan-neutering għaliex hu jaf b'persuna li qed titħallas anke mill-Gvern talli qed tagħmel neutering.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon infurmatu illi din il-persuna ma tieħu l-ebda vawċer mill-Kunsill.

***Il-Kunsillier is-Sinjorina Mary rose Mifsud ippropniet l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar ssekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**51.7.9** ***Mozzjonijiet:***

**51.7.9.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – Is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (141 – 1/6/23):**

*"Jipproponi li ssir zebra crossing fi Triq ix-Xatt Marsaskala u dan minħabba l-fatt li hemm sewwieqa li qed isuqu bla skruplu b'veloċita' qawwija u ser iweġġu jew joqtlu lil xi ħadd. Kien hemm tentattivi u mozzjonijiet oħra f'dan ir-rigward izda sfortunatament qatt ma kelna approvazzjoni minn naħa tat-TM. Flimkien mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri konna Triq ix-Xatt fuq issue oħra u wara li ddiskutejna qed nissuġerixxu li tiġi rubber hump lejn in-naħa tal-Lemon and Lime."*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk ser issir pedestrian crossing ser titlef il-parkeġġ għaliex trid tibda mill-bankina.

Kien hemm qbil li issir rubber hump .

**51.7.9.2** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (142-15/6/23):**

*"Jipproponi sabiex ġnien Sant Anna jingħalaq l-aċċess għal vetturi bil-mutur bil-bollards. Dawn il-bollards għandhom jsiru biċ-ċavetta f'kaz li jkun hemm bzonn li jinqalu. Kull servizz li għandu jiġi provdut jsir minn Triq Santa Tereza."*

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**51.7.9.3** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (143-19/6/23):**

*"Jipproponi li l-fanali li twaħħlu ma l-aħħar biċċa tal-Ġnien Sant Anna li wara biss ftit xhur tkissru kollha bid-daqqit tal-ballun, jiġu eliminati kollha u flokhom jitwaħħlu oħrajn cutting mall-kurduna u mall-ħajt fejn tinsab l-għassa temporanja u li f'Lulju x-xahar li ġej ser titneħħa".*

Kien hemm qbil unanimu.

**51.7.9.4 Mozzjoni b'urġenza mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri:**

"Jipproponi peress li issa twaħħlu l-cameras f'żewġ siti ir-ramla ta' San Tumas u ser jibdew jiffunzjonaw dalwaqt, isiru tlett skips bojod għall-organiku biss. Jekk ikun hawn qbil l-iskips ser jiġu mogħtija lilna min-naħa tal-Green MT u l-kollettur diġà tkellimt miegħu u qabel ma-proposta.''

Kien hemm qbil unanimu.

**51.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.46pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 27 ta' Lulju fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 19 ta' Ġunju 2023.

| | |
|---|---|
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |